MINUTI

KUNSILL LOKALI FONTANA

IT-TMIEN LEĠIŻLATURA

**Laqgħa Numru 59**

**It-Tnejn, 25 ta' Settembru 2023**

Saret il-laqgħa tal-Kunsill Lokali fis-Sala tal-Komunità tal-Kunsill Lokali, nhar it-Tnejn, 25 ta' Settembru 2023, fl-4.00 ta' wara nofsinhar.

**PREŻENTI:**
Is-Sur Saviour Borg – Sindku
Is-Sinjura Josephine Camilleri – Viċi Sindku
Is-Sur Horace Micallef – Kunsillier
Is-Sur Carmel Farrugia – Kunsillier

**Skużat:** Is-Sur Jonathan Cefai - Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI
Josianne Cassar – Aġent Segretarju Eżekuttiv

KUNSILL LOKALI IL-FONTANA



*Kunsill Lokali Il-Fontana, Multipurpose Room, l-Ewwel Fażi taċ-Ċentru Ċiviku, Triq Ta' Mulejja, il-Fontana FNT1110, Għawdex*
*Tel: 21558877 / Email: fontana.lc@gov.mt / Website:www.fontanagozo.com*

**Minuti;**

Is-Sindku Saviour Borg ippresjeda l-laqgħa.

**59.1 Talba;**

59.1.1 Il-laqgħa bdiet fl-4.00 ta' wara nofsinhar. Intqagħlet it-talba tal-bidu.

**59.2 Qari tal-ittri t'apoloġija;**

59.2.1 Il-Kunsillier Jonathan Cefai bagħat emejl lill-Kunsill fl-4.32pm fejn infurmaħ illi ma jistax jattendi għall-laqgħa tal-Kunsill.

**59.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti numru 58;**

59.3.1 Il-Minuti tal-Laqgħa Numru 58 kienu għadhom mhux lesti, għaldaqstant għandhom jiġu sottomessi fil-laqgħa li jmiss.

**59.4 Komunikazzjoni mis-Sindku;**

Is-Sindku għarraf lill-membri li:

59.4.1 Il-Kunsill irċieva l-fondi li kien fadal jirċievi mill-iskema tal-van mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali s-somma ta' aktar minn €6000. B'hekk il-van tħallset mill-fondi tal-Kunsill u tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali qisu nofs bin-nofs, dan peress li Transport Malta din is-sena neħħiet l-iskema ta' *refund* għal vetturi elettriċi;

59.4.2 Il-kontijiet tax-xogħolijiet li saru mis-*Surveyor* Andrew Mizzi kienu ilhom li ntbagħtu minn Marzu 2023 però dawn qatt ma tressqu għall-laqgħa. Għandu jintalab rimbors lir-Reġjun t'Għawdex għax-xogħol li sar taħt ir-*railing* mis-*Surveyor* sabiex jittieħdu mill-fond allokat għall-Kunsill tal-Fontana;

59.4.3 Attenda flimkien mal-Kunsillier Horace Micallef għal *SportsFest* organizzata mill-Kunsill flimkien mal-Parroċċa, fejn ippreżentaw it-trofej. Irrimarka li t-trofej ma tantx kienu preżentabbli, dawn ma nxtrawx

KUNSILL LOKALI IL-FONTANA

mill-Kunsill iżda mill-Parroċċa. Il-Kunsillier Horace Micallef issuġġerixxa li darba oħra għandu jixtrihom il-Kunsill;

59.4.4 Sar b'suċċess il-*Wine Festival* li ttellà fi Pjazza l-Għejjun u fi Triq ix-Xlendi. Il-Van tal-Kunsill ma ntużatx peress ;

59.4.5 L-isem ta' Trejqet il-Ħarrub li kien imkisser inbidel ma wieħed ġdid;

59.4.6 Saret it-tiswija tat-*toilet* li tkisser fil-ġranet tal-festa;

59.4.7 Jeħtieġ li ssir it-tiswija tas-suffitt tas-sala. Il-Kunsill qabel illi jqabbad lil Michael Farrugia sabiex iwettaq dan ix-xogħol. Il-Kunsillier Carmel Farrugia astjena minħabba nteress;

59.4.8 Il-purtieri tas-sala għandhom bżonn jinbidlu u jsiru *blinds* minflokhom. Kien hemm qbil unanimu li s-sala tinżebaħ u jsiru *blinds* ġodda u għal dan il-għan ser jitqabbad id-*designer* Paul Stellini;

59.4.9 Is-Sur Mario Galea iben l-ex-Surmast Sunny Galea ser jgħaddi l-mużika tal-Innu tal-Fontana biex jindaqq mill-Banda;

59.4.10 Attenda laqgħa m'uffiċċjali tal-AKL li saret Vini e Capricci x-Xewkija dwar il-parkeġġ residenzjali. Huwa ssuġġerixxa li Triq il-Qalb ta' Ġesù ssir iż-żewġ naħat bil-parkeġġ residenzjali minflok waħda kif hemm bħalissa, filwaqt li l-Kunsillier Horace Micallef issuġġerixxa l-istess għal Triq l-Isptar San Ġiljan. Il-Kunsill qabel unanimament;

59.4.11 Saret laqgħa mal-*Community Police*, flimkien mas-Surġent u l-Ispettur fuq diversi temi relatati mal-lokalità;

59.4.12 Importanti li naraw x'irid isir biex nirritornaw il-flus lura lill-Ministeru għal Għawdex ta' parti minn Triq il-Għajn;

59.4.13 Il-Kunsill għandu jiċċekkja jekk hux qed ikun korrett meta joħroġ permess ta' *crane* u biex jiġi operat irid jgħaddi minn fuq bjut ta' terzi. Il-Kunsill qabel illi jistaqsi lill-Avukat għal parir dwar dan.

## 59.5 Proġetti tal-Kunsill;

59.5.1 Rinnovar tal-*Playing Field* - Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi beda x-xogħol. Fuq parir tal-Perit hemm bżonn li jinxtraw *tunnels* apposta li huma *extra* mit-*tender* biex jitneħħa l-*crusher* li hemm bejn il-planki u l-

KUNSILL LOKALI IL-FONTANA

kontra bejt, b'hekk ma jkunx hemm piż żejjed. Il-Kunsill qabel illi dawn jinxtraw direttament mill-Kunsill;

Il-Perit issuġġerixxa li l-istruttura li fiha l-pannelli titneħħa sabiex isir xogħol aħjar. Il-Kunsill ġab stima mingħand *Solar Engineering Ltd.* L-istima oriġinali biex jinqalgħu kienet €1,489 u wara diskussjoni mad-Direttur tal-kumpanija l-istima niżlet għal €1,300,01. Il-Kunsill qabel illi jipproċedi biex jinqalgħu u tintalab stima oħra biex isir it-twaħħil tagħhom mal-kumplament tal-pannelli tan-naħa tal-Knisja;

Qbil unanimu biex jitkompla l-proċess biex tinxtara bandla u toħroġ l-offerta għax-xiri tas-*safety mats*;

59.5.2 Dwar il-proġett tat-tkomplija tal-proġett taċ-Ċentru Ċiviku s-Sindku nforma li sar is-*survey* mill-Perit John Saliba;

59.5.3 Is-Sindku qal illi mportanti li l-Perit John Saliba jimla l-formoli neċessarji sabiex jinbidel il-Perit ta' dawn il-proġetti, peress li għadhom taħt il-Perit Gordon Vella;

59.5.4 Il-Kunsill qabel unanimament ma' proposta tas-Sindku li l-Enġinier Simon Mizzi jkun parti mill-Bord tal-offerta tal-fanali.

## 59.6 *Quarterly Report*;

59.6.1 Il-*Quarterly Report* għall-perjodu 1 ta' Jannar sal-aħħar ta' Ġunju 2023 ġie approvat unanimament.

## 59.7 Restawr tal-istatwi ta' San Pietru u San Pawl;

59.7.1 L-applikazzjoni għar-restawr tal-istatwi ta' San Pietru u San Pawl ġiet approvata mill-Awtorità tal-Ippjanar u ħareġ il-permess.

## 59.8 Jum il-Fontana – 30 sena mit-twaqqif tal-Kunsill;

59.8.1 Il-Kunsill qabel illi jitħejja programm ta' attivitajiet li jfakkru t-30 sena għal Jum il-Fontana ta' din is-sena. Il-Kunsillier Horace Micallef ssuġġerixxa li ssir mawra fi Sqallija għar-residenti għal din l-okkażżjoni. Il-Kunsill qabel unanimament.

KUNSILL LOKALI IL-FONTANA

## 59.9 Tiġdid tal-kuntratt tax-xelter ta' Pjazza l-Għejjun;

59.9.1 L-Awtoritá tal-Artijiet bagħtet il-kuntratt tad-devoluzzjoni tax-xelter sabiex jiġġedded għall-perjodu ta' ħames snin b'effett mit-8 ta' Marzu 2023. Il-Kunsill qabel unanimament li dan jiġġedded għal ħames snin oħra.

## 59.10 Korrispondenza, ilmenti u suġġerimenti;

59.10.1 Ċirkulari AKL 2023/075 bis-suġġett 'Laqgħa-Skemi ta' parkeġġi residenzjali fil-lokalitajiet Għawdex 01/09/2023'. Is-Sindku attenda għal din il-laqgħa.

59.10.2 Ċirkulari AKL 2023/076 bis-suġġett 'Il-Kuntratt tal-għalf tal-ħamiem' fejn ġejna nfurmati li l-iskema tal-kontroll tal-ħamiem permess ta' għalf sterelizzat ser tieqaf peress li ma ġietx imġedda mill-Gvern. Is-Sindku qal li din bdiet madwar sena u nofs ilu u kien tqiegħed tank fi proprjetà privata fi Triq il-Għajn, li kien jiġi magħluf kull 15 -il ġurnata mill-kuntrattur.

59.10.3 Ċirkulari AKL 2023/078 bis-suġġett *Contract Management and Project Implementation Course* 07/11/2023.

59.10.4 Ċirkulari AKL 2023/081 bis-suġġett *National Bicycle Ride – 24th September*.

59.10.5 Ċirkulari AKL 2023/083 bis-suġġett *It's How You Make Them Feel..?' Customer Care Course 03/10/2023.*

59.10.6 Korrispondenza mir-Reġjun Għawdex 'Il-Proġett D.I.C.E. (Design, Innovate & Connect Efficiently) b'fondi mill-Inizjattiva Nazzjonali STEM Community Funds 2023 – Espressjoni ta' Interess għall-Kunsilli Lokali f'Għawdex'.

59.10.7 Korrispondenza mir-Reġjun Għawdex:
*Invite from the European Commission Representation in Malta re HOR debate with Local Councils in Gozo*;
*Training Sessions by* Servizzi Ewropej f'Malta *in Gozo – 26th & 27th September 2023*;
*Call for Participation in the European Region of Gastronomy 2026 Bid Book*;

KUNSILL LOKALI IL-FONTANA

*NCPE Training to Regional and Local Councils*.

59.10.8 *Press Release* mir-Reġjun t'Għawdex bis-suġġett 'Gozo Regional Council Applauds Progress in LGBTQI+ Rights on the Island'. Is-Sindku qal li wieġeb li din ma ġietx diskussa fil-Kunsilli u lanqas fil-laqgħa tar-Reġjun li saret 4 t'ijiem qabel ħarġet din il-*Press Release*.

59.10.9 Mistoqsija Parlamentari Nru. 9871 dwar informazzjoni ta' fejn hemm *defibrillator*.

59.10.10 *Contracts Circular No. 15/2023 - New Email Account for EPPS Contracting Authority users to use to contact the IT Unit of the Department of Contracts.*

59.10.11 Korrispondenza mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali:

- *IPS Circular No 12/2023-Strategic Partnership between Malta & UAE in Government Improvement Executive Leadership Program;*
- IDENTITÀ – *New Passport Application*;
- Sejħa ġdida għal Segretarji Eżekuttivi;
- *Air Quality Plan Public Consultation – Way Forward*.
- 

59.10.12 L-Avukat Mariella Silvio mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali bagħtet emejl fir-rigward tal-*Bye Law* proposta mill-Kunsill. Hija reġgħet staqsiet diversi domandi u l-Kunsill iddeċieda li jkellem lill-Avukat biex tkun tista tiġi mwieġba din il-korrispondenza.

59.10.13 Id-Dipartiment għall-Gvern Lokali bagħat il-permess biex il-Kunsill ikun jista joħroġ il-post ta' *General Hand*. Għaldaqstant dan l-avviż ser jiġi mqassam mal-Kunsilli Lokali kollha.

59.10.14 *JP2 Foundation* bagħat korrispondenza lill-Kunsill illi l-Banda tal-Pulizija talbet is-somma ta' €3000. Il-Fondazzjoni kitbet illi l-ammont huwa għoli. Mill-banda l-oħra għandhom orkestra taż-żgħażagħ magħmula minn studenti bejn il-5 u s-16 -il sena li lesta li tiġi għall-ammont ta' €380 nhar it-22 t'Ottubru. Barra mit-€380 hemm bżonn ta' €150 għall-pubbliċità. Il-Kunsill aċċetta din l-offerta però li tkun parti mill-attivitajiet ta' Jum il-Fontana u ssir lejn l-aħħar ta' Novembru.

59.10.15 *Dynamic Events* bagħtu korrispondenza bis-suġġett 'Gozo Business Awards & Gozo Environmental Awards 2023'.

59.10.16 Korrispondenza mingħand 'Doninu Malta' dwar xogħol ta' volontarjat.

KUNSILL LOKALI IL-FONTANA

59.10.17 Emejl bis-suġġett 'International Dyslexia Day' li tiġi ċċelebrata fit-8 t'Ottubru.

59.10.18 Il-Kunsill qabel illi jġedded l-assigurazzjoni tal-*Business Plan and Group Personal Accident* li ser tiskadi fl-1 t'Ottubru 2023.

59.10.19 Korrispondenza mill-Ministeru għal Għawdex dwar il-Kors tal-Università tat-tielet età f'Għawdex 2023-2024.

59.10.20 Ilment sabiex jitneħħew ir-*rubbish bins* minn Pjazza l-Għejjun għal diversi raġunijiet fosthom illi mhux jitnaddfu spiss u jkunu mimlija. Is-Sindku qal li dawn jitbattlu mill-kuntrattur li jiġbor l-iskart domestiku darbtejn fil-ġimgħa. Il-Kunsill ma qabilx li jinqalgħu għax hemm bżonnhom, iżda għandna tinġibed l-attenzjoni tal-*Public Cleansing* li jagħtu l-għajnuna biex jitbattlu aktar jekk ikun hemm il-ħtieġa. F'dan l-ilment kien hemm imniżżel ukoll ħsara tal-ilma li ssolviet permess t'intervent mis-Sindku.

59.10.21 Residenta kitbet lill-Kunsill dwar it-tbajja fuq il-*porfido* li ġew ikkawżati mill-inġenji tal-kuntrattur li hija qabdet biex jagħmlilha x-xogħol. Hija qalet illi ddispjaċiha li ġara hekk però ma tixtieqx illi jittieħdu deċiżjonijiet li ma jingħatawx permess biex ikun jista jsir ix-xogħol għal diversi raġunijiet. Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi kellu jitqabbad il-*Community Police* biex jitnaddaf. Il-Kunsill qabel illi meta jkun ser isir xogħol simili l-*porfido* għandu jinkesa bil-plastik jew materjal ieħor biex ma tiġrilux ħsara.

59.4.22 L-Avukat Chris Said ċċara l-punt li la darba r-responsabilità tat-toroq għaddiet taħt il-Gvern Ċentrali l-ilment ta' Triq Wied Siekel li tressaq fil-laqgħa preċedenti jaqà taħt ir-responsabilità tal-Ministeru għal Għawdex.

59.10.23 Il-Kunsill ġie kkupjat b'korrispondenza dwar bżonn ta' żbir ta' siġar fi Triq ix-Xlendi. Dan l-ilment ma jaqax taħt ir-responsabilità tal-Kunsill.

KUNSILL LOKALI IL-FONTANA

**59.11 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera;**

59.11.1 Il-Viċi Sindku staqsiet meta ser isir il-*patching* fi Trejqet Grezzja Grima. Is-Sindku nfurmaha li dan ix-xogħol jista jsir meta toħroġ l-offerta tal-*patching*. Is-Sindku qal illi ma hemmx ħsara li tidher fil-wiċċ iżda żżomm roqgħa żgħira tal-ilma.

59.11.2 Il-Viċi Sindku ssuġġeriet illi waqt *SportsFest* jew attività li ssir għat-tfal il-Kunsill mill-fondi tiegħu għandu joffrilhom *sandwich* u *drink*. Is-Sindku nfurmaha li din il-proposta jekk jaqbel irid iwettaqha l-Kunsill li ser jiġi elett f'Ġunju li ġej.

**59.12 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;**

Skeda ta' ħlasijiet bin-numru 47/2023 għal perjodu ta' bejn l-1 ta' Settembru 2023 u l-25 ta' Settembru 2023 li tammonta għal €7,819.91 ġiet approvata u ffirmata. Ġiet preżentata wkoll kopja tal-ispejjeż relatati ma *Petty Cash* li saru matul ix-xahar ta' Settembru.

**59.13 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa tal-Kunsill Lokali ntemmet fil-5.05pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta, 31 t'Ottubru 2023 fl-4.00 ta' wara nofsinhar b'aġenda li tkun komunikata aktar 'l quddiem. Il-ħin tal-laqgħa ġie deċiż bi qbil unanimu bejn il-membri.

Konfermati, llum it-Tlieta, 31 t'Ottubru 2023.

**IFFIRMATA**
Saviour Borg
Sindku

**IFFIRMATA**
Josianne Cassar
Aġent Segretarju Eżekuttiv

KUNSILL LOKALI IL-FONTANA